# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' April, 2002.**

**Kawza Numru: 4**

**Citaz. Nru. 905/99GV**

Doc. 246-02

**Dottor Carmel Chircop ghan-nom u in rapprezentanza tal-Awtorita' Marittima ta' Malta**

**Vs**

**Central Cement Ltd**

**Il-Qorti.**

**PRELIMINARI**

Illi permezz ta' citazzjoni prezentata fit-22 ta' April, 1999, l-attur nomine premetta li:-

Illi s-socjeta' Central Cement Ltd f'Lulju, 1995, iffirmat skrittura privata ma' l-Awtorita' Marittima, fejn din tal-ahhar tat b'titolu ta' koncessjoni bicca art gewwa Fuel Wharf sabiex is-socjeta' konvenuta tkun tista' tinstalla u topera silo tas-cement;

Illi s-socjeta' konvenuta skond l-istess skrittura hija debitrici tal-Awtorita' fl-ammont ta' elfejn, seba' mija u erba' u sittin Liri Maltin (Lm2,764) rappresentanti *throughput charge* u imghaxijiet;

Illi l-Awtorita' talbet lis-socjeta' konvenuta diversi drabi sabiex thallas l-ammont dovut permezz ta' fatturi, ittri bonarji kif ukoll ittra ufficjali datata 7 ta' April, 1999, u minkejja dan is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

**Ghaldaqstant l-attur nomine talab lil din il-Qorti:**

1. tiddikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici fl-ammont ta' Lm2,764;

2. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-imsemmi ammont.

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 7 ta' April, 1999, u bl-imghax legali sal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

**NOTA TAL-ECCEZZJONIJIET**

Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:-

1. Fl-ewwel lok illi t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur nomine stante li l-iskrittura privata li tissemma' fl-att tac-citazzjoni ma tikkontemplax dak pretiz mill-attur nomine.

2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, l-attur nomine ghandu qabel xejn jipprezenta '*breakdown*' dettaljat tas-somma ta' Lm2,764 minnu pretiza minghand is-socjeta' eccipjenti.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**KONTESTAZZJONI**

L-Awtorita' attrici qed tissottometti li

(i) il-'*concession*' ma kienitx biss tas-'silo' izda s-socjeta' konvenuta kellha wkoll parti mill-moll allokat ghal operazzjoni tal-kumpanija taghhom;

(ii) il-ftehim jaghti preferenza lill-vapuri kontenenti s-'cement' importat mis-socjeta' konvenuta sabiex jorbtu l-ewwel mal-moll, u dan il-privilegg jghodd irrispettivament jekk is-'cement' jigix importat fl-ixkejjer jew '*loose*';

(iii) nonostante li l-ftehim gie ffirmat fit-3 ta' Lulju, 1995, kien biss mill-1 ta' Novembru, 1999, li s-socjeta' konvenuta bdiet topera mija fil-mija minn gos-'silo' u sa dakinhar kienet qeghda, minn jedda, iggib 'cement' kemm '*in bulk*' kif ukoll fl-ixkejjer.

L-Awtorita' attrici rriferit ghall-artikolu 44 (c) tal-ftehim, li jistabbilixxi li "*In consideration for the granting of such concession by the Authority to the Concessionaire, the latter shall pay the following sum …. 60 c (Sixty cents) representing the charge per ton of cement handled by the Concessionaire….*" L-Awtorita' attrici tghid li bl-ebda mod dan l-artikolu ma jiddistingwi bejn diversi tipi ta' 'cement' u ghalhekk l-ammont ta' 60 centezmu kellu jithallas fuq kull tunnellata 'cement' importat mis-socjeta' konvenuta u din id-deskrizzjoni tinkludi 'cement' fl-ixkejjer.

Minn naha l-ohra s-socjeta' konvenuta tghid li l-iskrittura tikkontempla

'*concession*' mill-Awtorita' attrici ta' '*facility*' ghall-importatur ta' '*cement in bulk*' u ghalhekk it-'*throughout charge*' imposta fi klawsola 44 (c) tal-imsemmija skrittura m'hijiex applikabbli ghal 'cement' li ma giex importat '*in bulk*' proprju fi zmien meta s-socjeta' konvenuta kienet fl-impossibilita' li tgawdi mill-'*concession*' lilha moghtija u ghalhekk dak li qed titlob l-Awtorita' attrici jezorbita mill-ispirtu tal-ftehim milhuq mill-partijiet u ghalhekk l-ammont mitlub m'huwiex dovut.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-kawza tirrigwarda hlas ta' '*throughout charge*' ammontanti ghal elfejn, seba' mija u erbgha u sittin lira Maltin (Lm2,764.00,0) li l-Awtorita' attrici qed titlob minghand is-socjeta' konvenuta a termini ta' l-iskrittura privata datata 3 ta' Lulju, 1995 (a fol. 12 et seq tal-process). Permezz ta' din l-iskrittura l-Awtorita' attrici kkoncediet lis-socjeta' konvenuta bicca art gewwa Fuel Wharf, il-Marsa, liema art kellha tintuza *"to erect,manage and operate demountable cement storage facilities"* ghall-iskopijiet ta' importazzjoni ta' '*cement in bulk*'.

Illi l-punt in kontestazzjoni bejn il-partijiet jirrigwarda l-interpretazzjohni tal-artikolu 44 (c) ta' l-iskrittura li fuqha hija bbazata l-azzjoni attrici. Dan l-Artikolu jaqra hekk:-

*"In consideration for the granting of such concession by the Authority to the Concessionaire, the latter shall pay the following sums;*

*(c) Lm0.60c (in words) SIXTY CENTS representing the charge per ton of cement handled by the Concessionaire payable 3 months in arrears from date of commencement of operations, subject to a minimum aggregate annual sum of Lm30,00O (in words) THIRTY THOUSAND MALTA LIRI".*

L-Awtorita' attrici tirritjeni li l-kliem "*the charge per ton of cement*" f'dan l-artikolu jirreferu kemm ghas-'cement' importat '*in bulk*' kif ukoll ghas-'cement' importat fl-ixkejjer, filwaqt li s-socjeta' konvenuta issostni li dawn il-kliem jirreferu biss ghas-'*cement in bulk*'.

Illi din il-kwistjoni nqalghet ghaliex kien hemm perjodu ta' zmien fejn is-socjeta' konvenuta ma setghetx taghmel uzu mis-'silo' stante xi hsarat u ghalhekk ma setghetx timporta s-'*cement in bulk*' u tigbed is-'cement' direttament minn gewwa l-vapur permezz ta' pompa ghal gewwa s-'silo', izda kellha timporta s-'cement' ippakkjat fi xkejjer, bhal ma kienet taghmel qabel ma nbena s-'silo', u thott dawn l-ixkejjer minn fuq il-vapur ghal fuq il-moll jew fuq 'truck' ghall-konsenja.

Illi s-socjeta' konvenuta tghid ukoll li l-ammont ta' 'cement' in kwistjoni (vide x-xhieda ta' Jimmy Sammut a fol. 42) m'ghaddiex minn fuq dik il-parti tal-moll li tifforma parti mill-'*concession*' moghtija lilha mill-Awtorita' attrici permezz tal-iskrittura tat-3 ta' Lulju, 1995, izda ghadda minn apparat provizorju mtella' mis-socjeta' konvenuta fuq parti tal-moll li taqa' lil hinn mill-'*concession area*' immarkata bhala B fuq il-pjanta annessa mal-iskrittura. Pierre Debono, l-'*operations manager*' tas-socjeta' konvenuta, fix-xhieda tal-15 ta' Ottubru, 2001, jghid li s-'cement' in kwistjoni addirittura nhatt minn fuq parti tal-moll il-hinn anki mill-'*areas*' immarkati A u C fuq il-pjanta hawn fuq imsemmija, liema '*areas*' kienu ntizi sabiex jinghataw mill-Awtorita' attrici lill-importaturi ohra tas-'*cement in bulk*'.

Illi l-Awtorita' attrici ma ressqet ebda prova sabiex tikkontradixxi dan il-fatt u ghalhekk la darba li s-socjeta' konvenuta ma utilizzatx dik il-parti tal-moll li tifforma parti mill-'*concession area*' lilha moghtija permezz tal-iskrittura tat-3 ta' Lulju, 1995, il-pattijiet u obbligazzjonijiet kontenuti f'din l-iskrittura, u precizament l-artikolu 44 (c), ma japplikawx ghall-konsenja ta' 'cement' li tifforma l-mertu tal-kawza.

Irid jigi rilevat li qabel ma giet iffirmata din l-iskrittura bejn il-partijiet u cioe' meta s-socjeta' konvenuta kienet timporta s-'cement' fl-ixkejjer, hija kienet tuza l-moll izda ma kienet thallas xejn lil-Awtorita' attrici.

Illi inoltre l-interpretazzjoni tal-artikolu 44 (c) ghandha ssir fl-ispirtu tal-kuntratt li tieghu tifforma parti. L-Artikolu 1008 tal-Kap. 16 huwa car f'dan is-sens meta jistabbilixxi li kull klawsola ta' kuntratt ghandha tinghata s-sens li jidher mill-att kollu. Mill-premessi u mill-klawsoli li jindikaw l-iskop u n-natura tal-ftehim (artikolu 1 u 10) jirrizulta li l-'*concession*' giet moghtija lis-socjeta' konvenuta mill-Awtorita' attrici sabiex tigi facilitata l-importazzjoni tas-'*cement in bulk*' permezz tal-bini tas-'silo' fuq il-moll. L-importazzjoni tas-'cement' fl-ixkejjer ma tirrikjediex l-uzu tas-'silo'. L-iskop tal-koncessjoni kienet ghalhekk intiza esklussivament sabiex l-importazzjoni tas-'cement' tibda ssir '*in bulk*'.

Illi jirrizulta ghalhekk li l-ammont mitlub mill-Awtorita' attrici permezz tal-azzjoni odjerna jezorbita minn dak miftiehem bejn il-partijiet fl-iskrittura tat-3 ta' Lulju, 1995, ghaliex kif diga' inghad, din l-iskrittura kienet tirrigwarda biss is-'*cement in bulk*'.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi prevja li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**